MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1581/1999/1

**Sign It Limited**

**vs**

**Cole Foods Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mis-socjeta’ attrici fl-1 ta’ Novembru, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm331.95) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ kiri ta’ oggetti, tabelli u servizzi lilha moghtija mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tas-17 ta’ Lulju, 1999 u bl-imghax mid-data ta’ l-ahhar bejgh u cioe mis-7 ta’ Lulju, 1998, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Cole Foods Limited fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikoli 2148 (a) u (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili.
3. Illi bla pregudizzju x-xoghol u s-servizzipprovdut ma kienx tal-kwalita’ pattwita u ghalhekk l-ammont mitlub ma hux dovut.
4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi minn zewg eccezzjonijiet preliminarji mqajjma mis-socjeta’ konvenuta. Dawn huma illi s-socjeta’ konvenuta ma kinitx il-‘legittima kontradittur’ u t-tnieni li l-azzjoni attrici hija preskritta bl-Artikoli 2148 (a) u (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Il-Qorti ser tghaddi biex tiddisponi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni l-ewwel.

L-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili jippreskivi terminu ta’ tmintax-il xahar, waqt li l-Artikolu 2149 jippreskrivi terminu ta’ sentejn. Bejn wiehed u iehor it-tnejn jistghu jigu applikati ghal dan il-kaz, ghax it-tnejn jikkoncernaw persuni li jahdmu b’sengha jew arti ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghol taghhom jew il-materjal li jforni.

Dak ta’ l-Artikolu 2149 jidher illi huwa pero abbinat ma’ xoghol aktar sofistikat peress illi jsemmi bennejja ta’ bini ta’ bastimenti u bcejjec ohra ta’ opri tal-bahar, kuntratturi u/jew ta’ xogholijiet ohra ta’ njam, gebel jew materjal

iehor.  F’dan il-kaz, is-socjeta’ attrici pprovdiet u armat *stand* ghall-esebizzjoni ta’ prodotti tas-socjeta’ konvenuta waqt fieri li saru kemm fit-Trade Fair kif ukoll fil-Food and Drink Fair, fl-1997 u fl-1998 u ghalhekk hu aktar probabbli l-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu milli dak ta’ qabel.

Ikkunsidrat:

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi meta jkun hemm zewg artikoli ta’ preskrizzjoni b’terminu differenti li jistghu jigu applikati ghall-kaz, il-Qorti ghandha tapplika dak maggioritarju, dana l-ghaliex il-preskrizzjoni mhux xi stitut illi ghandu jigi nkoraggit, apparti l-fatt li lanqas ma hu rikonoxxut fid-dritt kanoniku

Il-preskrizzjoni gie deskritt bhala ”materja odjuza illi fiha ma tistax il-Qorti tiehu inizzjattiva” (Vol XL part 1 page 166 <u>Cali vs Galea</u>).  Ghalhekk l-applikazzjoni taghha ghandha tkun difficli kemm jista’ jkun bi prezunzjoni favur it-terminu l-aktar twil biex b’hekk id-debitur ma jkunx jista’ jahrab mill-obbligazzjoni tieghu b’semplici dikjarazzjoni li mhux debitur.  (Ara wkoll <u>Magit sive Gianmari u Joanne konjugi Aidi vs Mohammed sive Frans u Joan sive Yvonne Bezine</u> deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Ottubru, 2000).  Ghalhekk, il-Qorti sejra tapplika l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili kif invokat mis-socjeta’ konvenuta, liema terminu jippreskrivi zmien ta’ sentejn ghall-azzjoni attrici.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-fatturi esebiti f’dawn l-atti u x-xhieda ta’ Roberta Bonnici ghan-nom tas-socjeta’ attrici, l-ahhar pagament maghmul kien fit-8 ta’ Dicembru, 1997.  Ma jidhirx illi saru x’ittri ufficjali biex jigi nterrott it-terminu ghajr il-prezentazzjoni ta’ dan l-avviz fl-1 ta’ Novembru, 1999. Din l-azzjoni tikkwalifika bhala att gudizzjarju f’termini tal-ligi ghas-sospenzjoni tal-preskrizzjoni.  U ghalhekk, bejn l-8 ta’ Dicembru, 1997 u l-1 ta’ Novembru, 1999 it-terminu preskrittiv kif invokat mis-socjeta’ konvenuta bl-Artiloku 2149 (a) ma ghaddhiex.

Quindi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta u tghaddi biex tikkonsidra l-eccezzjoni taghha ta' nuqqas ta' legittimu kontradittur.

Ikkunsidrat:

Illi din l-eccezzjoni fiha l-kumplikazzjoni taghha. Peress illi rrizulta mill-provi illi Kenneth "Cole" huwa direttur kemm tas-socjeta' konvenuta kif ukoll ta' socjeta' ohra bl-isem ta' "HP Cole" Limited. Barra minn hekk, jidher li jintuza' l-*'logo'* bl-isem "Cole" biss biex jirreklama z-zewg kumpaniji, kif jidher mir-ritratti ta' l-*istand* illi gie mtella' ghal wahda mill-fieri fuq imsemmija. Ma hemmx dubju illi din is-sitwazzjoni tista' tohloq konfuzjoni f'min ikun qed jinnegozja ma' Kenneth "Cole", peress illi gieli jidher ghan-nom ta' kumpanija u gieli ghal ohra. Per ezempju fil-*'fax'* illi huwa baghat fl-20 ta' Mejju, 1997 fiha l-intestatura indikata "Cole Foods Limited", ukoll a fol. 27 u 28 tidher din il-kumpanija taht il-*'logo'* "Cole".

Biex is-sitwazzjoni tkompli tithawwad, il-hames (5) *post dated cheques* illi ghamel Kenneth "Cole", thallsu mill-kumpanija "HP Cole", u ghalhekk is-socjeta' konvenuta issa qeda teccepixxi illi hija mhijiex il-legittima kontradittur u donna qeda tghid illi fil-fatt il-kumpanija li ghaliha saru s-servizzi kienet "HP Cole".

Fil-fatt, Kenneth Cole a fol. 31 jghid illi huwa direttur tas-socjeta' konvenuta u m'ghandha taghti xejn, pero' jikkwalifika meta jghid, "Se mai HP Cole u mhux Cole Foods. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-mod kif ghandu jigi gestit in-negozju in *buona fede* u wisq tissuspetta li Kenneth Cole irid iqarraq. Bhalma jghid it-taghlim fid-Dritt Ruman, "Nullus commodum capere potest de inguria sua propria." Aktar u aktar meta Qorti tqies illi Kenneth Cole abbuza mir-relazzjoni kummercjali tajbin u certa rispett illi kien hemm bejnu u bejn Reuben Caruana, ghan-nom tas-socjeta' attrici, illi kien tah in-nifs u anke ma talabx il-hlas mall-ewwel sabiex jaghmillu l-kuragg ghal-fieri illi kienu gejjin.

Il-Qrati taghna qatt ma hallew lil min jabbuza b'sitwazzjoni bhal din. Tant hu hekk, illi recentement kellna l-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell sede nferjuri Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit deciza fis-16 ta' Dicembru, 2002, fejn fost affarijiet ohra ntqal illi saru frekwenti l-kwazi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi ma hijiex il-legittimu kontradittur; kif gie osservat, "Certi kazijiet huma ovvji, ohra mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubju pero', wiehed ghandu jippresumi li l-persuna illi qeda tikkuntratta kienet qed taghmel hekk f'isimha propriju." (Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice Appell 6 ta' Ottubru, 1999).

F'dan il-kaz, huwa daqsxejn differenti l-ghaliex ghandek persuna wahda illi hija direttur f'zewg kumpaniji kwazi bl-istess isem u li t-tnejn qeghdin fl'istess generu ta' negozju, fejn allura l-possibilita ta' konfuzjoni hija aktar manifesta. Hawhekk, il-Qorti ser tiehu spunt mir-regola ta' l-accountancy maghrufa bhala 'rule in Clayton's case', li tkopri sitwazzjoni fejn ghandek relazzjoni kummercjali hajja b'kont miftuh favur debitur. Dan ta' l-ahhar jibghat il-pagament minghajr ma jindika ghal liema fattura dak il-pagament jirreferi, f'liema kaz, allura, ir-ricevitur ikollu d-dritt jalloka dak il-pagament ghal fattura l-aktar antika, jew inkella jaqta' mill-bilanc totali.

L-analogija f'din il-kawza hija fis-sens illi kienet tezisti relazzjoni kummercjali hajja u attiva bejn is-socjeta' attrici u "Cole Foods Limited" u "HP Cole", tramite d-direttur taghhom Kenneth Cole. Meta dan ta' l-ahhar kien qieghed jitlob is-servizzi tas-socjeta' attrici, ma kienx qed jaghmilha cara ghal liema kumpanija dawn is-servizzi kienu qeghdin jintalbu, tant hu hekk illi l-*istand*s ipprovduti juru biss l-isem "Cole" u ma jispecifikawx ghal liema kumpanija qeda tirreferi. Barra minn hekk, it-talba ghas-servizz kienet tidher illi gejja mill-kumpanija "Cole Foods Limited", mentri l-hlas kien qieghed isir minn "HP Cole".

Ghalhekk, is-socjeta' attrici sabet ruhha fis-sitwazzjoni illi ma kinitx taf ezattament ghal liema kumpanija dawn is-servizzi kienet qed tipprovdihom. Pero', stante r-relazzjoni personali tajba illi kienet tezisti bejn id-diretturi,

s-socjeta’ attrici ma hassithiex problema li tipprovdi s-servizz kif mitlub minn Kenneth Cole. Ghalhekk, ladarba dan ta’ l-ahhar ma specifikax b’mod car u ekwivoku ghal liema kumpanija s-servizzi kienu qeghdin jigu mitluba, allura s-socjeta’ attrici kellha dritt illi taghzel hi liema kumpanija taddebita. F’dan il-kaz ghazlet “Cole Foods Limited” u ntbaghatu *statement*s lil din il-kumpanija illi ghaliha Kenneth Cole qatt ma ghamel oggezzjoni. Kien biss meta l-affarijiet waslu fl-ahhar illi Kenneth Cole qajjem il-kwistjoni illi s-socjeta’ “Cole Foods” ma kellha taghti xejn.

Dan mhux mod kif isir il-kummerc u l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi Kenneth Cole qed jinheba wara l-eccezzjoni sabiex ma jaqdix l-obbligazzjonijiet kummercjali tieghu. Ghalhekk, il-Qorti taghti ragun lis-socjeta’ attrici li tfittex lil “Cole Foods Limited” u tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ legittimu kontradittur imqajjma mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, mhuwiex kontestat illi s-socjeta’ attrici pprovdiet servizzi lis-socjeta’ konvenuta, liema serizzi kienu ghat-twaqqif ta’ *stands* f’zewg fieri partikolari illi saru fl-1997 u fl-1998. Kenneth Cole ma jikkontestax illi saru dawn is-servizzi, ghad illi jitfa’ xi dubju meta gie muri r-ritratti u jirrikonoxxi biss li dawk l-*istand*s huma simili ghal dawk illi normalment jordnaw ghall-fieri.

Verament il-Qorti ma tistax timmagina ghal min setghu kienu dawk l-*istand*s jekk mhux ghal xi wahda mill-kumpaniji illi ghandu Kenneth Cole. Peress illi ma jirrizultax illi hawn xi kumpanija ohra hawn Malta illi tirreklama b’dak l-isem. Barra minn hekk, minkejja illi huwa gie moghti diversi *statement*s kull xahar ghall-pagament, kien biss meta xehed quddiem din il-Qorti illi qal illi ma jaqbilx ma’ l-*statement*s illi harget is-socjeta’ attrici. Il-ghala ma jaqbilx, pero’ ma jghidx. Ghalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex illi x-xhieda moghtija minn Kenneth Cole tiggustifika n-nuqqas ta’ pagament tal-hlas mitlub

mis-socjeta’ attrici, li minn naha taggha ggustifikat il-kaz taghha fi grad illi trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mis-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallasha s-somma ta’ tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm331.95) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ kiri ta’ oggetti, tabelli u servizzi lilha moghtija mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------